MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

## S.T.O. PRIM IMHALLEF

## SILVIO CAMILLERI

## ONOR. IMHALLEF

## GIANNINO CARUANA DEMAJO

## ONOR. IMHALLEF

## NOEL CUSCHIERI

Seduta tat-18 ta' Lulju, 2014

Appell Civili Numru. 188/2007/1

**Moviment Azzjoni Socjali**

**v.**

**Noel Borg**

## Preliminari

**1.** Dan hu appell maghmul mill-konvenut minn sentenza moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-30 ta' Settembru 2010 li permezz taghha dik il-Qorti laqghet it-talbiet tal-attur u ordnat l-izgumbrament tal-konvenut fi zmien xahar mill-fond 17 Triq Zekka, Valletta, bl-ispejjez a karigu tal-istess konvenut.

## Mertu

**2.** Permess tal-proceduri odjerni l-attur qed jitlob l-izgumbrament tal-konvenut mill-fond fuq indikat li hu kien kera lil certu Louis Galea.

**3.** Wara il-mewt ta' dan Galea fit-3 ta' Jannar 2002 il-konvenut biddel is-serratura tal-fond u qed jippretendi li ghandu dritt li jghix fl-istess fond bhala membru tal-familja ta' Louis Galea u fuq il-pretenzjoni li fiz-zmien tal-mewt tieghu l-konvenut kien qed joqghod mieghu fl-imsemmi fond, u dan bis-sahha ta' dak li jiddisponi Artikolu 2 tal-Kap. 69.

**4.** Ghalhekk fir-rikors tal-appell tieghu l-konvenut qed jitlob li din il-Qorti thassar is-sentenza appellata billi tichad it-talbiet tal-attur u tilqa' l-eccezzjonijiet tieghu, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-attur appellat.

**5.** Min-naha tieghu l-attur ma prezentax risposta bil-miktub ghar-rikors tal-konvenut, izda fl-udjenza tas-7 ta' April 2014 l-appell gie trattat oralment miz-zewg partijiet.

**<u>Is-Sentenza Appellata</u>**

**6.** L-ewwel Qorti wasslet ghad-decizjoni taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet legali u fattwali:

> "Qabel ma tghaddi ghall-konsiderazzjoni tal-provi, din il-Qorti trid tghid li l-konvenut qed jinvoka titolu ta` kera ghall-fond 17, Triq Zekka, Valletta (minn issa 'l quddiem jissejjah "il-fond in kwistjoni") bhala d-difiza tieghu kontra l-istanza attrici, abbazi tat-tifsira ta' *kerrej* skond l-Art.2 tal-Kap.69 tal-Ligijiet ta' Malta li taqra hekk - ... *fil-kaz ta` dar ta` abitazzjoni, meta l-kerrej ma jhallix warajh armla jew armel, dawk il-membri tal-familja tal-kerrej li jkunu joqghodu mieghu fiz-zmien tal-mewt tieghu.* Il-kawza tal-lum mhijiex kolpita mill-emendi ricenti ghall-Kap.16 tal-Ligijiet ta` Malta li dahlu fis-sehh fl-1 ta` Jannar 2010.
>
> "F`din il-kawza, irrizultaw bhala **<u>nkontestati</u>** l-fatti li gejjin :
>
> > "(a) li Louis Galea kien jikri l-fond in kwistjoni ghal skop ta` abitazzjoni minghand l-attur ;

“(b) li l-kirja tal-fond kienet fil-perijodu tar-rilokazzjoni ;

“(c) li l-kerrej kien guvni ; u

“(d) li l-kerrej miet fit-3 ta` Jannar 2002.

“Mela hija ghal kollox irrilevanti kwalsiasi konsiderazzjoni jekk mhux din : **tirrizultax il-prova sal-grad rikjest mil-ligi li fiz-zmien ta` madwar it-3 ta’ Jannar 2002 kien hemm jogghod mal-kerrej xi membru tal-familja tieghu ?**

“Sabiex twiegeb ghal dan il-kwesit, li huwa l-pern ta` din il-kawza, din il-Qorti sejra tiskarta kull prova li ressqu l-partijiet li tista` tkun distanti jew distakkata mit-twegiba. U allura tghid mill-ewwel li kull prova li ttenta jaghmel l-attur dwar l-istat tal-fond in kwistjoni llum mhuwiex direttament rilevanti ghall-fini tal-kawza tal-attur kif dedotta. Ghall-fini ta’ aktar kjarezza, jekk l-attur irid jaghmel il-prova li l-fond in kwistjoni llum huwa fi stat ta` abbandun, dik il-prova u l-konsiderazzjonijiet li jistghu jkunu marbuta maghha *jista`* jkollhom siwi ghall-attur ghal istanzi futuri. Pero` mhux f`din tal-lum. Fil-kawza tal-lum, prova rilevanti tkun jekk fiz-zmien ta` madwar it-3 ta` Jannar 2002 kienx il-fond in kwistjoni fi stat ta` abbandun.

“Dan premess, u qabel tghaddi ghall-konsiderazzjoni tal-provi, din il-Qorti tghid li l-gurisprudenza taghna kienet ghal certu zmien tikkwalifika bhala “membri tal-familja” dawk konsangwinji, cioe` dawk kollha kongunti permezz tad-demm u dixxendenti wahda mill-ohra jew minn stipiti komuni. (ara “**Zammit noe vs Farrugia et**” - Appell Inferjuri - 13 ta’ Gunju 1953). Maz-zmien, kien hemm sentenzi ohra li dan il-pre-rekwizit biex tinkludi anke persuni li jkunu trabbew mill-kerrej (ara “**Zammit vs Kerr**” - Appell Inferjuri - 11 ta’ Marzu 1966). Fil-kaz tal-lum, il-konvenut kien deskritt bhala neputi tal-inkwilin. Fir-realta`, irrizulta li kien iben il-kugina tal-inkwilina. Waqt it-trattazzjoni tal-kawza, il-partijiet ma dahlux fil-kwistjoni jekk din il-parentela tal-konvenut mal-inkwilin kenitx tikkwalifikah bhala *“membru tal-familja”.* Fl-istess waqt, huwa evidenti mill-mod kif kienu mpostati t-talbiet attrici, mill-mod kif kienet difiza l-kawza, mill-assjem tal-provi u anke mis-sottomissjonijiet tad-difensuri tal-partijiet qabel il-kawza thalliet ghas-sentenza tal-lum li l-partijiet accettaw bhala fatt inkontestat u mhux disputat li l-konvenut jikkwalifika bhala “*membru tal-familja tal-kerrej*”.”

**7.** Wara li l-ewwel Qorti ghamlet rijassunt tad-depozizzjonijet tax-xhieda, ghaddiet biex taghmel is-segwenti konsiderazzjonijiet ulterjuri:

"F'kazijiet ta' din ix-xorta, il-gudizzju ta` din il-Qorti jrid ikun fondat fuq **bilanc** li min-naha wahda ma jinghatax harsien lil persuna fl-okkupazzjoni ta' fond sempliciment ghaliex dan ikun dahal fih bil-pretest infondat li jirrisjedi go fih, u minn naha l-ohra, tara li persuna ma tigix sfratta meta tkun okkupant li ghandha jedd skond il-ligi li tissokta f'dik l-okkupazzjoni. ("**Gauci vs Tabone**" – Qorti tal-Appell - 14 ta' Dicembru, 1956).

"Din il-Qorti tghid li ghal dak li huwa apprezzament tal-provi, il-kriterju mhuwiex jekk il-gudikant assolutament jemminx dak li jkun gie spjegat lilu, *izda jekk dawk l-ispjegazzjonijiet humiex verosmili fic-cirkostanzi svarjati tal-hajja* (**"Borg vs Bartolo"** – Appell Inferjuri – 25 ta' Gunju 1980). Il-grad ta' prova rikjest fil-kamp civili huwa dak li bizzejjed li jkun inissel certezza morali f'mohh il-gudikant li tkun indotta minn preponderanza ta' provi meqjusa fuq bilanc ta' probabilitajiet (**"Caruana vs Laurenti"** – Prim'Awla tal-Qorti Civili – 8 ta' April 1994 ; **"Borg vs Manager ta' l-Intrapriza tal-Halib"** – Prim'Awla tal-Qorti Civili – 17 ta' Lulju 1981; **"Vassallo vs Pace"** – Vol.LXX.II.144 u **"Zammit vs Petrococchino"** – Appell Kummercjali – 25 ta' Frar 1952).

"Fil-kaz tal-lum, il-punt **krucjali** hija l-allegata residenza tal-konvenut mal-inkwilin fiz-zmien tal-mewt tieghu. Ir-residenza hija stat ta` fatt li trid tirrizulta mill-provi tal-kaz (**"Agius vs Copperstone et"** – Prim'Awla tal-Qorti Civili – 25 ta' Mejju 1966). L-oneru tal-prova ta' l-effettiva residenza ma' l-inkwilin fiz-zmien tal-mewt tieghu tispetta mill-bidu sal-ahhar lill-konvenut ghaliex huwa qed jippretendi li ghandu jikkwalifika fit-tifsira ta' "*kerrej*" skond l-Art.2 tal-Kap. 69. Jekk ma rnexxielux jaghmel din il-prova b'mod attendibbli u kredibbli li jwassal lill-Qorti ghall-konvinciment ragjonevoli, allura l-pretensjoni tieghu ghall-protezzjoni skond il-Kap. 69 tfalli ghaliex ikun ifisser illi ma jkunx issodisfa l-fatt kostituttiv favorevoli ghalih imqieghed bhala bazi ta' l-eccezzjoni tieghu u hekk intiz biex jikkontrasta l-pretiza ta' l-attrici (**"Balzan vs Gladwish"** – Qorti tal-Appell Inferjuri – 7 ta' Mejju 2010).

"Ir-residenza **vera u pruvata** tal-okkupant mal-kerrej tissemma fil-ligi mhux per mera koincidenza izda sabiex issostni l-principju li l-*membru tal-familja* jrid ikun qed jippartecipa **tassew** fil-**godiment lokatizju** tal-fond. (ara - "**Debono vs**

**<u>Zahra”</u> –** Qorti tal-Appell Inferjuri - 20 ta’ April 1963). Sabiex jigi stabbilit jekk persuna kellhiex ir-residenza ordinarja taghha f’post partikolari huma relevanti c-cirkostanzi kollha tal-kaz illi jistghu jindikaw jekk il-membru tal-familja kienx qieghed jaghmel uzu mill-fond in kwistjoni ghal dawk l-iskopijiet li wiehed jifhem b’residenza ordinarja. Dawn jinkludu l-irqad u mistrieh regolari fil-fond in kwistjoni, il-fatt li fil-fond in kwistjoni jinzammu l-oggetti personali u l-hwejjeg ta’ min jippretendi li ghandu residenza, il-fatt illi f’din ir-residenza huwa jghaddi z-zmien liberu tieghu fejn hu jipprattika d-delizzji tieghu u jaghmel ix-xoghol personali tieghu. Tindika wkoll il-kelma ‘residenza’, il-fond fejn wiehed jippranza u jiccena, fejn wiehed jircevi l-korrispondenza u anke fejn jircevi l-hbieb, u fejn il-hbieb u terzi jistennew li jsibu lil min hu hemm residenti. Fis-sentenza “**<u>Agius vs Copperstone et</u>**” (op. cit.) inghad hekk - “*biex membru tal-familja jista’ jitlob b’ success il-protezzjoni tal-Kapitolu 109* (illum Kapitolu 69) *ir-residenza tieghu mat-tenant ma tridx tkun kazwali jew saltwarja, jew ghal semplici kumdita` ahjar, jew ta’ semplici pjacir, jew ispirata minn dik il-htiega ta’ kambjament ta’ ambjent li anke taghmel gid ghas-sahha u ghall-mohh imma trid tkun ir-residenza ordinarja tal-bniedem, anke jekk ghal bzonn mhux l-unika residenza tieghu, imma dejjem haga imposta minn necessita` “*

“Ir-residenza ordinarja trid tirrizulta minn sensiela ta` fatti ppruvati. U fil-kisba taghha ma hemm xejn awtomatiku. Ghalhekk il-fatt li persuna jkollha dokumenti li *prima facie* jattestaw konnessjoni taghha mal-fond, bhall-inkluzjoni fir-Registru Elettorali, ir-registrazzjoni mal-Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-Ilma u mal-Korporazzjoni Xoghol u Tahrig mhumiex prova <u>nkonfutabbli</u> ta` residenza. Huwa pacifiku li r-Registru Elettorali jikkostitwixxi biss prova li trid tigi verifikata, li tista’ tkun korroborattiva, izda mhux necessarjament u dejjem konklussiva (“**<u>Calleja et vs Ellul</u>**” – Qorti tal-Appell – 29 ta` Novembru 1996). Lanqas il-mobbli jew effetti ohra personali li wiehed jista` ikollu fil-fond ma huma prova *sine qua non* (“**<u>Galea noe vs Di Donna</u>**” – Qorti tal-Appell Inferjuri – 17 ta` Marzu 2003).

“Riferibbilment ghall-kaz tal-lum, din il-Qorti tosserva li fil-kumpless taghhom il-provi tal-partijiet huma karenti f`dettalji dwar il-fatt tar-residenza o meno tal-konvenut fil-fond in kwistjoni. Il-konvenut u xi familjari l-aktar qrib tieghu jghidu li huwa kien ilu s-snin ferm qabel il-mewt tal-inkwilin ighix abitwalment mieghu fil-fond in kwistjoni. Kontra dan hemm il-prova kostitwita mill-persuni vicin tal-moviment attur li jeskludu b`mod kategoriku li l-konvenut kien jirrisjedi fil-fond de quo meta l-inkwilin kien ghadu haj. Dettall zghir izda sinjifikanti kien il-fatt li meta l-konvenut mar ipprezenta ruhu biex ihallas il-kera hu wara l-mewt tal-inkwilin, id-dirigenti tal-MAS tant ma kienux jafu min kien illi talbuh il-karta tal-identita` tieghu. Diga` osservat din il-Qorti li l-prova tar-residenza effettiva

tispetta lill-konvenut. Dan ghamel hafna enfasi fuq id-dokumenti ufficjali. Huwa pero` possibbli hafna li, sa minn kmieni fis-snin, il-konvenut haseb sabiex jistabilixxi l-fond in kwistjoni bhala l-indirizz ufficjali tieghu, forsi anke bl-adezjoni tal-inkwilin innisfu, ghalkemm lanqas ta` dan ma saret il-prova, anke jekk seta` ma kienx ighix abitwalment. Mela l-fatt li l-indirizz ufficjali ta' l-konvenut kien il-fond in kwistjoni ghal xi entitajiet pubblici ma jfissirx li bilfors jew bhala konsegwenza dak kien il-post tar-residenza abitwali tieghu tal-konvenut. Dak il-fatt huwa wiehed fost ohrajn li din il-Qorti trid issib sabiex tistabilixxi jekk tassew il-konvenut kienx jabita fil-fond in kwistjoni.

"Fis-sentenza taghha tat-8 ta` Frar 1971 fil-kawza "**Coppini noe vs Vella Bonnici noe**" il-Qorti tal-Appell osservat li b`*residenza ordinarja* wiehed ghandu jfisser post b` certu grad ta` kontinwita`, apparti assenzi accidentali jew temporanji. Id-durata mhux kriterju esklussiv u necessarjament determinanti. Hu pero` kriterju tajjeb dak li jirrigwarda l-mod kif bniedem ugwalment jorganizza hajtu. Residenza ordinarja timplika permanenza u abitwalita` ("**Agius vs Agius**", Qorti tal-Appell Inferjuri - 2 ta' Dicembru, 1994). Ix-xhieda Carmelina Debono, Monsinjur Dun Fortunato Mizzi u Maria Buttigieg jistqarru kjarament li meta Louis Galea kien ghadu haj u kien ighix fil-fond in kwistjoni, il-konvenut ma kienx ighix mieghu. Oht Galea, Carmen Dimech tghid l-istess. Huh Joseph Galea ma tistax torbot fuqu fis-sens li ma jaghtix l-impressjoni li kien wisq vicin huh biex jistqarr jekk il-konvenut kienx ighix mieghu nkella le. Li certament irrizulta bhal fatt huwa li hut Galea u l-familjarji diretti tal-konvenut, ghalkemm parentati, ma kellhomx relazzjonijiet tajbin bejniethom u dan johrog car daqs il-kristall mill-mod kif gabu ruhhom hut Galea ezatt wara l-mewt ta' huhom mat-tentattiv tal-familjari tal-konvenut li, akkost li jippruvaw imorru kontra dak li huwa *res ipsa loquitur,* jittentaw *di portare acqua al suo mulino* bi stqarrijiet inkonsistenti mar-realta` tal-fatti. Irrizulta li l-konvenut ighix bl-ghajnuna socjali. Ma jirrizultax li ghandu impieg. Eppure terzi ma jghidux li qabel it-3 ta' Jannar 2002 qatt rawh fil-vicinanzi tal-post in kwistjoni. Min-naha tieghu, il-konvenut ma jaghtix l-icken hjiel tal-hinijiet li kien iqatta` fil-post. Ghalkemm kollox huwa possibbli, din il-Qorti ssib difficli li temmen kif persuna tghid li thalli l-kumdita` tad-dar tal-genituri tieghu (ghax ma rrizultax li kienet skomda) mhux biex ifittex l-indipendenza tieghu billi joqghod ghal rasu, izda sabiex imur joqghod mal-kugin ta' ommu li nserta marid go post b`zewgt ikmamar. U mqar jaghti xi spjegazzjoni sabiex ighid ghala ghamel hekk u allura ghala l-post in kwistjoni sar ir-residenza tieghu. Il-konvenut ma jispjegax li Louis Galea kien dipendenti fuqu. Ma jgib l-ebda prova medika tal-fatt li Galea ghadda bord mediku inkella li kien *bedridden*. Lanqas ma rrizulta li l-konvenut kien xi *carer* tal-istess Galea u allura seta` kien intitolat li jippercepixxi beneficcji socjali. Il-konvenut ma pprovax isib tarf ta` dawn it-truf kollha.

"Ladarba *residenza* fl-Art.2 tal-Kap.69 mhijiex definita, l-apprezzament mill-gudikant tal-fatti partikolari tal-kaz huwa krucjali (**Kollez. Vol. L.II.225**). Rinfaccjata minn provi *assai* konfliggenti dwar il-fatt tar-residenza o meno tal-konvenut fil-fond in kwistjoni, u anke fl-isfond tal-fatt li dokumenti, kif diga` rajna, mhux necessarjament huma prova ta` residenza izda biss indikazzjoni taghha, din il-Qorti kellha taghmel sforz sabiex tipprova tfittex u possibilment issib l-element tar-residenza tal-konvenut minn fatti jew cirostanzi ohra. Issa ladarba residenza hija relatata ma` abitwalita`, u kunsidrat li l-konvenut ftit li xejn xehed dwar l-aspett hekk vitali ghall-kawza tieghu, din il-Qorti gharblet ix-xhieda ta' Joseph Caruana mill-Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-Ilma xehed viva voce (fol 52). Issa din il-Qorti taf li l-post in kwistjoni ma kienx xi "palazz" izda kien kompost minn zewgt ikmamar kollox. Fl-istess waqt pero` fih *suppost* li kienu qed jabitaw zewgt persuni u ghal xi zmien anke tlieta. Il-konvenut ma xehed xejn dwar x'servizzi kien hemm fil-post meta l-inkwilin kien ghadu haj. B'diffikulta` din il-Qorti fehmet li fil-post kien hemm id-dawl u l-ilma u *forsi* (ghax mhux car) kien isir xi tisjir. Jirrizulta li kien isir hasil ghax il-girien kienu jaraw in-naxra. Eppure minkejja dawn ic-cirkostanzi, ghaz-zmien ta` qabel l-2002, ghax dak huwa zmien rilevanti, nafu li fl-1998 inbidel l-arlogg tad-dawl pero` l-konsum baqa` minimu anzi naqas wara April 1998. Inoltre l-ewwel indikazzjoni li l-ilma ma kienx uzat tmur lura ghal Jannar 1997. Inoltre, **u dan huwa importanti**, sat-3 ta' Jannar 2002, l-uniku persuna registrata ghas-sussidju kien Louis Galea wahdu. Il-konvenut kellu l-opportunita` kollha jimla dan il-vojt u jaghti spjegazzjonijiet konvincenti izda ghazel li jibqa` sieket dwar fatti hekk importanti ghaliex kienu jaghtu prova tal-abitwalita`. Il-konvenut baqa` ma spjegax fl-istadju tal-provi tieghu ghaliex sat-3 ta' Jannar 2002, l-uniku persuna kien registrat ghas-sussidju kien Louis Galea wahdu u mhux hu wkoll meta suppost kien residenti hemm bhalu.

"Din il-Qorti ma hi sodisfatta xejn u lanqas ma tinsab konvinta mill-provi li ressaq il-konvenut li l-fond in kwistjoni kien il-post tar-residenza tieghu fiz-zmien tal-mewt tal-inkwilin. Din il-Qorti terga` ssostni li l-onus tal-prova tar-residenza kien jinkombi lill-konvenut. Issa l-konvenut fl-affidavit tieghu pprova juri li mal-awtoritajiet civili kien registrat fil-fond de quo. Fl-istess waqt ma tax l-icken hjiel ta' kif ir-residenza tieghu f'dak il-fond kienet tissarraf matul is-snin kollha li xehed li kien ighix mal-inkwilin. Din hija mankanza kbira u sinjifikanti fl-esposizzjoni tal-konvenut. X'arrangament kien hemm mal-inkwilin, jibqa` mhux maghruf. Kienx jaf l-inkwilin li l-konvenut kien registrat ghall-awtoritajiet civili f'dak il-fond jibqa` bla twegiba. Fl-istess waqt, il-punt krucjali li bih il-konvenut kellu jipprova jikkonvinci lil din il-Qorti huwa kif mill-eta' ta` 14-il sena qatta` l-hajja tieghu f'dawk iz-zewgt ikmamar b'servizzi ghal kollox primittivi u xejn salutari ma` guvni li ghalkemm kien parentat ma` ommu la kien wiehed mill-genituri li kienu hajjin u lanqas hutu meta l-istess genituri tieghu kienu joqghodu kantuniera 'l isfel (u cioe` Strada San Giovanni). Mqar saret l-icken prova dwar ghala il-konvenut iccaqlaq mid-dar tal-genturi tieghu. Ma hemmx prova li forsi kellu xi jghid maghhom. Jew forsi kellhom zghir fejn joqghodu. Mutizmu assolut dwar fatti tant rilevanti. *Anke* ghalhekk din il-Qorti tghid li r-registrazzjoni tal-

konvenut mal-awtoritajiet civili mhix prova tar-residenza tieghu fil-fond in kwistjoni.

"Hu proprju s-**sens partecipattiv** tal-godiment tal-fond li ghalih kienet intiza l-espressjoni "*joqghod mal-kerrej fiz-zmien tal-mewt tieghu*" skond l-Art. 2 tal-Kap.69. Mhux ghal xi sens iehor, kazwali, saltwarju nkella addirittura fabbrikat ("**Debono vs Zahra**" – Qorti tal-Appell Inferjuri - 20 ta' April, 1963 ; **"Galea noe vs Di Donna**" – Qorti tal-Appell Inferjuri - 17 ta Marzu, 2003 ; u "**Mizzi *et* vs Bonnici" –** Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Superjuri – AE – 19 ta' Jannar, 2010). Dwar ir-rabta tal-konvenut mal-post ma nafux kwazi xejn. Nafu biss skond il-provi li ressaq hu li kien jorqod fil-fond tant li kien hemm sodda ohra apparti dik tal-inkwilin. L-irqad jista` jkun wens ghal matul il-lejl pero` b'daqshekk ma jsirx residenza. Ftit li xejn nafu x'oggetti personali attinenti mal-fatt tar-residenza kellu l-konvenut fil-fond in kwistjoni. Ghalkemm diga` nghad li l-post ma kienx xi "palazz", nafu li l-post kellu zewg galleriji. Eppure la nafu kemm il-konvenut kien iqatta` hin fil-post, la nafu kif kien jingwala mal-inkwilin, la nafu kellux xi delizzju li kien jipprattikah minn dak il-post. Assolutament xejn ! Il-konvenut ma ressaq l-ebda prova sabiex ighid kif kien jippartecipa fil-hajja ta` kuljum tal-inkwilin bil-konsegwenti godiment, flimkien mal-inkwilin, tal-fond de quo. Wiehed ma ghandux jinsa li l-inkwilin kien marad u minhabba f'hekk, skond il-familjari, il-konvenut mar ighix mieghu. Eppure xejn ma rrizulta dwar kif il-konvenut gab ruhu mal-konvenut u mal-marda tieghu. Bhal donnu xi *deus ex machina* dahlet imbaghad fix-xena n-nanna tal-konvenut, Aida Demicoli, li tixhed li damet xi tmien snin tghix ma` zewgt irgiel f'zewgt ikmamar b`servizzi primittivi u accettabbli f`socjeta` civili. Hawn din il-Qorti tosserva li dak mistqarr minn Aida Demicoli kien kontradett mill-konvenut stess meta fl-affidavit tieghu (fol 104) xehed li kien biss f'xi *okkazjonijiet ukoll meta n-nanna tieghi kienet tghaddi xi lejl maghna bhala wens* sottolinear ta' din il-Qorti). Jibqa` bla twegiba l-kwesit ghalfejn kellha tindahal in-nanna meta l-konvenut suppost kien qed ighix mal-inkwilin u meta suppost li omm il-konvenut kienet qed tiehu hsieb certi bzonnijiet bhal hasil. Wisq huma l-interrogativi li jibqghu bla risposta !

"Din il-Qorti tghid li ma jistax ikun hemm risposta konvincenti ghaliex mill-assjem tal-fatti qieghed jirrizulta li mhux minnu li l-konvenut kien ighix mal-inkwilin fis-sens rikjest mil-ligi. Jekk forsi kien jorqod mal-inkwilin ghal skop ta' wens jew ghal xi skop iehor, dak ma kienx jikkonverti l-fond in kwistjoni fir-residenza ordinarja tal-konvenut. Jibqa' dejjem il-kriterju illi dak li jghodd, fl-apprezzament tal-kredibilita`, huwa jekk il-gudikant jaccettax l-ispjegazzjoni li tinghata lilu jew addirittura li ma tinghatax bhala haga possibbli u verosimili. Ma tezisti l-ebda gerarkija fil-qies tal-provi. Kollox huwa valutabbli mill-gudikant bhala bazi ghall-konvinciment tieghu. Kollox meqjus u ghar-ragunijiet fuq

> moghtija, din il-Qorti taghti aktar affidament lill-provi attrici milli dawk tal-konvenut. Din il-Qorti ssib, fuq bazi ta` probabilita, illi f`dan il-kaz, meta miet l-inkwilin, ma hemm ebda provi sodisfacjenti li l-konvenut kien jikkwalifika bhala inkwilin protett skond il-ligi li tirregola din il-materja."

**L-Appell**

**8.** Fis-sustanza dan hu fis-sens li l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament hazin tal-fatti b'mod li waslet ghall-konkluzjoni zbaljata. Isostni li dik il-Qorti naqset milli taghti l-importanza misthoqqa lix-xhieda u lid-dokumenti prodotti minnu. Fil-kumplament tal-aggravju tieghu l-konvenut jissenjala l-fatturi li skont hu kellhom iwasslu lill-ewwel Qorti biex taccetta it-tezi tieghu li fiz-zmien tal-mewt ta' Louis Galea huwa kien joqghod mieghu b'mod li kellu r-residenza abitwali tieghu fil-fond *de quo*.

**9.** Fis-succint l-ilmenti tieghu dwar l-apprezzament maghmul mill-ewwel Qorti huma dawn: li parti mix-xhieda xehedu *viva voce* quddiem l-ewwel Qorti diversament presedjuta, u ghalhekk il-Qorti li tat is-sentenza appellata ma kellhiex l-opportunita` li tisma' certu xhieda hi; li l-ewwel Qorti ma kellhiex taghti l-piz li tat lix-xhieda ta' Carmelina Debono u ta' Dun Fortunato Mizzi; li min-naha l-ohra ma tatx il-piz probatorju dovut lid-dokumenti prezentati mill-konvenut kif ukoll lix-xhieda tieghu u ta' dawk prodotti minnu; u inoltre interpretat hazin certu fatti bir-rizultat li waslet ghall-konkluzjonijiet zbaljati.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

**10.** Huwa pacifiku li l-vertenza oggett tal-proceduri odjerni tirriduci ruhha ghad-determinazzjoni tal-fatt jekk fiz-zmien tal-mewt ta’ Louis Galea il-konvenut kienx verament qed jokkupa l-fond bhala r-residenza ordinarja tieghu fit-termini tal-artikolu fuq citat. Kif osservat l-ewwel Qorti z-zewg partijiet ressqu provi in sostenn tat-tezi taghhom, liema provi huma kontrastanti f’aspetti krucjali, u ghalhekk l-ezercizzju li kien jispetta lill-ewwel Qorti huwa li taghmel apprezzament tal-provi akkwiziti u tasal ghad-decizjoni taghha bazata fuq il-provi li hi tikkunsidra l-aktar verosimili u attendibbli.

**11.** Il-gurisprudenza nostrali identifikat is-segwenti principji legali relevanti ghal kaz odjern:

**12.** Il-grad ta’ prova rikjest fil-kamp civili, b’differenza mill-kamp kriminali fejn il-ligi tesigi li l-prova tal-htija ghandha tirrizulta minghajr dubju ragjonevoli, hija dik li jkun hemm certezza morali f’mohh il-gudikant. Din ic-certezza morali rikjesta f’kawzi civili hija l-effett tal-bilanc ta’ probabilitajiet. Mera possibilita` mhux sufficjenti biex tirradika r-responsabilita’ civili. *[PA **Frank Giordmania Medici et v. William Rizzo u Gaetana Rizzo**, deciz 28 ta' April, 2004].*

**13.** Illi l-konflitt fil-provi huma haga li l-Qrati jridu minn dejjem ikunu lesti ghaliha. Il-Qorti ghandha tezamina jekk xi wahda miz-zewg verzjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilita` u specjalment dawk tal-konsistenza u verosomiljanza, ghandhiex teskludi lill-ohra, anke fuq il-bilanc tal-probabilitajiet, u tal-preponderanza tal-provi, ghax dawn, f'kawzi civili, huma generalment sufficjenti ghall-konvinciment tal-gudikant. *[PA **Farrugia v. Farrugia**, deciz 24 ta' Novembru, 1966].*

**14.** Inoltre huwa ritenut li l-Qorti tal-Appell bhala qorti ta' revizjoni ma tiddisturbax leggerment id-diskrezzjoni tal-Qorti tal-prim istanza, hlief meta tkun manifestament zbaljata jew ghax ikun hemm ragunijiet serji, jew ghaliex l-ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha *[App.C. **Emanuel Cardona et v. Dr.Graham Busuttil**, deciz 10 Jannar 1955].* Dan ma jsirx "sakemm l-appellant – ghax fuqu trid tinkombi l-prova – ma jissodisfahiex li kien hemm ragunijiet validi bizzejjed biex jitfghu dubju ragjonevoli fuq il-gustizzja tal-apprezzament ta' provi li ghamlet l-ewwel Qorti u li konsegwentement jekk ma tintervjenix biex tvarja l-konkluzzjonijiet taghha, tkun ser tigi kommessa ngustizzja manifesta". *[App.S. **Paul Formosa v Salvu Debono**, deciz 5 Ottubru 2001]*

**15.** Rigward l-ewwel ilment tal-konvenut, li hu fis-sens li l-Qorti li tat is-sentenza ma kellhiex l-opportunita` li "*tisma' certu xhieda viva voce",* din il-Qorti taghmel is-segwenti osservazzjonijiet:

**16.** [a] Fis-sistema guridiku taghna huwa permess li tinghata xhieda anke b'affidavit jew *viva voce* quddiem assistent gudizzjarju, u ghalhekk il-fatt li l-Qorti gudikanti ma tkunx semghet hi stess ix-xhieda *viva voce* ma jfissirx li dik il-Qorti tkun agixxiet barra l-parametri legali. Lanqas dan il-fatt m'ghandu jwassal necessarjament ghall-konkluzjoni li meta l-Qorti waslet sabiex taghti s-sentenza taghha hija ma kellhiex il-kwadru kollu tal-provi akkwiziti.

**17.** [b] Minghajr pregudizzju ghal dak premess, fil-kaz inkwistjoni jirrizulta li, ghalkemm huwa minnu li diversi xhieda, kemm tal-attur kif ukoll tal-konvenut, instemghu mill-Qorti diversament presjeduta, jigi rilevat li anke l-Qorti li tat is-sentenza semghet *viva voce* diversi xhieda, fosthom xhieda principali, bhalma huma dawk ta' Carmelina Debono, president tal-moviment attur,[1] u tal-konvenut Noel Borg.[2]

**18.** [c] Barra minnhekk ma jirrizultax mill-atti li f'xi stadju tal-proceduri kienet saret xi talba da parti tal-konvenut, jew tal-attur, sabiex l-Qorti terga' tisma'

[1] Din xhedet in kontro-ezami - fl-udjenza tas-16 Marzu 2009 – Foll.137 *et seq.*
[2] Dan xehed in kontro-ezami – fl-udjenza tat-12 Mejju 2009 – Foll.151 *et seq.*

xhieda li kienu gja` taw ix-xhieda taghhom quddiemha meta kienet diversament presjeduta. Apparti dan, din il-Qorti tosserva li diversi xhieda tressqu biex jaghtu x-xhieda taghhom in kontro-ezami quddiem il-Qorti li tat is-sentenza.

**19.** Ghaldaqstant dan l-ilment ta' natura procedurali ma jreggix, la fil-ligi u lanqas fil-fatt.

**20.** Rigward l-aggravju fil-meritu, din il-Qorti tosserva li mill-provi jirrizulta li hemm zewg verzjonijiet kontrastanti, u dijametrikalment opposti ghal xulxin. Minn banda hemm il-verzjoni tal-attur principalment sostnuta mix-xhud Carmelina Debono, u li hija fis-sens li fiz-zmien li miet Louis Galea fil-post ma kien hemm hadd izjed jabita mieghu, u mill-banda l-ohra hemm il-verzjoni tal-konvenut, sostnuta minn xhieda parentati minnu u anke minn dokumenti esebiti, u li hija fis-sens li circa hames jew sitt snin qabel il-mewt ta' Louis Galea huwa kien qed joqghod mieghu fis-sens tal-Artikolu 2 fuq citat, kif ukoll li kompla jabita regolarment fil-fond *de quo* anke wara li miet Louis Galea.

**21.** F'dan l-istadju huwa opportun li jigi senjalat li f'materja ta' xhieda u apprezzament tal-provi, japplika l-principju li x-xhieda *ponderantur non numerantur*, li jfisser li, minkejja li parti tkun ressqet diversi xhieda, il-Qorti

tista' tikkunsidra bhala veritiera ix-xhieda ta' xhud wiehed biss, kemm-il darba tkun konvinta li dak ix-xhud ikun qed jghid il-verita`.

**22.** Fil-kaz odjern jirrizulta li, minkejja li l-konvenut ressaq diversi xhieda in sostenn tat-tezi tieghu, u minkejja li anke pproduca xhieda u kopji ta' dokumenti dipartimentali biex juri li hu verament kien jghix ma' Louis Galea meta dan miet, izda xorta wahda, il-Qorti, li semghet ukoll ix-xhieda ta' Carmelina Debono, kif ukoll ghamlet access fil-fond *de quo*, dehrilha li kellha taccetta t-tezi tal-attur u twarrab dik tal-konvenut. Il-Qorti tosserva li l-ewwel Qorti kellha quddiemha provi bizzejjed u sodisfacenti sabiex tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha.

**23.** Fis-succint din ix-xhud tghid li hi ilha tattendi regolarment l-ufficcju tal-moviment attur li jigi adjacenti mal-fond *de quo* [li fil-passat kienu jifformaw dar wahda] sa mis-sena 1966. Hija tidhol filghodu ghal habta tas-7.30 pm u ddum sas-1.30 pm. Okkazjonalment kienu anke jsiru laqghat wara nofsinhar. Kienet regolarment tara lil Louis Galea hiereg u diehel f'dan il-fond, u ma kienet tara lil hadd izjed, lanqas lill-konvenut, anzi tghid li lil dan ma tafux. Hija tghid, ghal izjed minn darba, li hija zgura li fil-fond kien joqghod biss Louis Galea u sa l-ahhar ta' hajtu dan kien baqa' jghix wahdu. Wara mewtu ma kien gie joqghod hadd izjed tant li l-bibien u twieqi kienu baqghu maghluqa u ghalhekk zgur li

ma dahal hadd iehor joqghod fil-post. Barra minnhekk minn barra kien jidher li l-fond kien fi stat hazin u ta' abbandun.[3]

**24.** Il-Qorti issa ser tghaddi biex tezamina l-punti sollevati mill-konvenut dwar l-apprezzament tal-provi maghmul mill-ewwel Qorti.

**25.** Il-konvenut jissottometti li dik il-parti tax-xhieda li tirrigwarda cirkostanzi li sehhew wara l-mewt ta' Louis Galea hija rrelevanti ghall-finijiet tal-ezami odjern. Din il-Qorti tosserva li dan hu zbaljat, ghax dak li sehh wara l-mewt ta' Louis Galea, partikolarment l-istat li fih thalla l-fond, huwa relevanti inkwantu jitfa' dawl fuq il-kredibilita` o meno tat-tezi tal-konvenut. Ghax ladarba jirrizulta mix-xhieda u anke mill-verbal tal-access li nzamm mill-Qorti fuq il-post, li wara l-mewt ta' Louis Galea l-post thalla fi stat ta' abbandun, kif jista' l-konvenut isostni b'success it-tezi tieghu li l-fond kien ir-residenza ordinarja tieghu kemm qabel kif ukoll wara l-mewt ta' Louis Galea?

**26.** Mill-verbal tal-access li sar fit-2 ta' Marzu 2010 l-ewwel Qorti osservat li l-post kien:

> "fi stat hazin fis-sens li ghandu bzonn manutenzjoni qawwija...... Fil-kamra ta' gewwa m' hemmx dawl, hemm biss dawl fuq il-kamra ta' barra..... il-hitan

[3] Affidavit – Foll. 25 et seq. u Depozizzjoni – Foll.135 *et seq*.

ghandhom diversi ghanqbut indawwrin maghhom....Hemm ukoll sink bla vit u dik li forsi qabel kienet tintuza bhala kcina."[4]

**27.** Dan fil-fehma ta' din il-Qorti jdghajjef serjament it-tezi tal-konvenut li hu kien u ghadu joqghod fil-post *de quo*.

**28.** It-tieni punt li skont il-konvenut idghajjef ix-xhieda ta' Carmelina Debono hu li, ghalkemm ix-xhud tat deskrizzjoni tal-fond, hi stqarret li qatt ma kienet dahlet fih. Inoltre, meta xhedet in kontro-ezami tkellmet fil-plural u cioe` *"sa fejn nafu ahna, iva kien jghix wahdu."* Il-konvenut jghid li dawn il-fatti kellhom iwasslu lill-ewwel Qorti li tiskarta l-verzjoni taghha.

**29.** Fir-rigward il-Qorti tosserva li kemm fl-affidavit taghha kif ukoll fix-xhieda taghha in kontro-ezami jirrizulta car li din ix-xhud kienet ilha tiffrekwenta regolarment l-ufficcju li jigi adjacenti tal-fond *de quo* mis-sena 1966, u kienet kategorika meta fix-xhieda taghha stqarret ghal izjed minn darba li fil-fond *de quo* kien jghix wahdu Louis Galea sakemm miet, kif ukoll li wara l-mewt tieghu, il-fond thalla fi stat ta' abbandun. Hija kienet qed tixhed fuq dak li kienet rat hi, u l-fatt li f'parti mix-xhieda taghha in risposta ghal domanda li giet mistoqsija lilha, hi tghid tirrerferi ghal "ahna" ma jimmilitax kontra din il-konkluzjoni. Jidher car li dak li riedet tifisser ix-xhud kien li l-fatti mistqarra

---

[4] Foll.192 - 193

minnha kienu jafu bihom mhux hi biss imma anke dawk li kienu jahdmu maghha.

**30.** Rigward il-fatt li x-xhud tat deskrizzjoni tal-fond minkejja li hi stqarret li qatt ma kienet dahlet fih, ukoll ma jimmiltax kontra l-kredibilita` taghha, stante li mill-provi jirrizulta li fil-passat iz-zewg fondi kienu dar wahda, u meta l-fond *de quo* kien ikollu t-twieqi miftuhin hija setghet tara fuq gewwa ta' dan il-fond. Wara kollox hawn qed jitkellmu fuq fond li bazikament jikkonsisti f'zewgt ikmamar.

**31.** Il-konvenut jghid li din ix-xhud ma kinitx taf li Louis Galea kien marad u kien *bedridden* u li kienet giet ambulanza ghalih, u dan b'kuntrast ma' dak li qal il-konvenut fix-xhieda tieghu. Din il-Qorti tosserva li l-fatt li din ix-xhud ma kinitx taf certu cirkostanzi rigwardanti Louis Galea ma jfissirx li allura x-xhieda taghha ma kinitx veritiera. Il-fatt li Louis Galea kien marid u *bedridden*, huma fatti mistqarra biss mill-konvenut u x-xhieda tieghu, izda ma tressqet ebda prova medika korroboranti din it-tezi. Jista' jkun, u fuq bazi ta' probabbilita` hekk hu, Louis Galea kien marad qabel ma miet, u kien ukoll iddahhal l-isptar, izda dan ma jdghajjifx dak li qalet Carmelina Debono u li kienet ilha tafu ghal zmien twil mis-sena 1966. Wara kollox mhux mistenni li x-xhud, li m'ghandha ebda parentali ma' Louis Galea, u lanqas konnessjoni mieghu, tkun taf ic-cirkostanzi kollha tal-hajja tieghu.

**32.** L-anqas ma hi valida s-sottomissjoni maghmula mill-konvenut li dak li qalet Carmelina Debono, fis-sens li meta Louis Galea kien ghadu haj din kienet tara miftuha regolarment il-gallarija li taghti ghal fuq Strada Zekka li tigi bieb ma’ bieb mal-ufficcju tal-attur, jinsab imdghajjef mix-xhud Fr.Fortunato Mizzi meta dan qal li ma kienx jaghti kaz jekk l-aperturi kienux jkunu miftuhin, ghax dak li qal dan ix-xhud ma jeskludix l-ezistenza tal-fatt mistqarr mix-xhud u cioe` li hi kienet tara l-gallarija miftuha regolarment.

**33.** Rigward il-fatt li sakemm miet Louis Galea s-sussidju fil-konsum tad-dawl u ilma kien jghajjat biss lil dan u mhux ukoll lill-konvenut, dan jghid li l-ewwel Qorti setghet sabet l-ispjegazzjoni ghal dan il-fatt fix-xhieda ta’ ommu, cioe` Doris Borg. Din il-Qorti tosserva li dak li qalet din ix-xhud fir-rigward kien biss li “Galea kellu s-servizz tad-dawl u ilma”.[5] Mill-banda l-ohra, il-fatt li s-sussidju baqa’ registrat biss fuq Louis Galea sakemm miet, inissel dubju dwar il-veracita` ta’ dak li qalet din ix-xhud, u cioe` li binha, il-konvenut, kien ilu joqghod ma’ Louis Galea minn mindu kellu erbatax-il sena u li ommha [cioe` n-nanna tal-konvenut] *“kienet marret ukoll toqghod mieghu hemmhekk”*. Dan id-dubju jkompli jigi alimentat bil-fatt provat li wara April 1998 il-konsum baqa’ minimu, anzi naqas. Fir-rigward, ir-rapprezentant tal-Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-ilma jghid li minn April 1998 il-konsum “naqas hafna” , u peress li l-

[5] Fol.94

qari ma kienx juri li kien hemm konsum registrat, huma fuq dan il-fond kienu nizzlu *"not in use"*[6].

**34.** Il-konvenut min-naha tieghu jissottometti li n-nuqqas tal-konsum jista' jwassal ghas-*"suppozizzjoni li Louis Galea wara April 1998 kien jinhasel anqas u jikkonsuma anqas dawl u xejn izjed."* Min-naha l-ohra l-logika tal-fatti ghandha turi li, wara dik is-sena meta fil-fond kien hemm allegatament tnejn minn nies jghixu fih, u ghal xi zmien kienet torqod ukoll persuna ohra, il-konsum tad-dawl u ilma kellu jizdied u mhux jonqos.

**35.** Il-konvenut jissottometti wkoll li ladarba l-konsum kien daqshekk baxx ma kienet ser taghmel ebda differenza ghall-konvenut jekk dan japplika ghas-sussidju, izda dan l-argument huwa mdghajjef, anzi newtrallizat minn dak li xehed ir-rapprezentant tal-Water Services Corporation, u cioe` li "Sa 3 ta' Jannar 2002 kien hemm registrat ghas-sussidju biss Louis Galea…. Fit-3 ta' Ottubru 2002 imbaghad zdied [*sic*] ghas-sussidju Noel Borg."[7] Minn dan jidher car li mhux minnu dak sostnut mill-konvenut li, meta Louis Galea kien ghadu haj, hu ma kellux ghalfejn japplika ghas-sussidju peress li l-konsum kien baxx hafna, ghax ladarba l-konsum kien baxx meta suppost kienu qed jghixu fil-post tnejn minn nies u f'xi zmien ghal perjodu ta' seba' snin kienet torqod ukoll maghhom Aida Demicoli [in-nanna tal-konvenut], allura l-konsum kellu jkun

[6] Foll.53 *et seq.*
[7] Fol.56

anqas meta Louis Galea miet. B'danakollu, disa' xhur wara l-mewt ta' Louis Galea, il-konvenut hass li kellu japplika ghas-sussidju.

**36.** Finalment il-konvenut jilmenta li l-ewwel Qorti ma tatx il-piz misthoqq lill-fatt li fuq certu dokumenti ufficjali kien indikat il-fond *de quo* bhala l-indirizz residenzjali tieghu. Huwa jsemmi t-*ticket of referral* ghall-isptar, u c-cekkijiet tal-assistenza socjali li kienu jintbaghtulu kull erba' gimghat fil-fond *de quo*. Fir-rigward il-Qorti tosserva li l-fatt li l-konvenut indika l-indirizz tal-fond bhala l-indirizz residenzjali tieghu ma jwasslx ghall-prova li dan fil-fatt kien qed jghix hemmhekk, ghax l-indirizz kien gie indikat lill-awtoritajiet koncernati mill-konvenut, u dawn min-naha taghhom ma kienu ghamlu ebda verifika jekk fil-fatt il-konvenut kienx verament jirrisjedi hemmhekk[8].

**37.** Inoltre, il-fatt li kull erba' gimghat il-konvenut kien jircievi c-cekk tal-assistenza socjali f'dak il-post, ma jdghajjifx il-kredibilita` ta' Carmelina Deboni meta din qalet li qatt ma kienet rat lill-konvenut hemmhekk. Il-konvenut jghid li hu, persuna dizokkuppata[9], johrog mill-fond fis-6.30 pm u jirritorna lura bejn is-1.00pm u 1.30 pm, u ghalhekk din il-Qorti tosserva li huwa possibli li meta jmur jigbor ic-cekkijiet huwa jmur fil-hinijiet li ma jkunx jikkombaccjaw mal-hinijiet li fihom Carmelina Debono tidhol regolarment ghax-xoghol. Fin-nota ta'

[8] Foll.88-89, 181

[9] Mid-dokument tal-ETC jirrizulta li l-konvenut ilu registrat bhala "not working' mit-30 ta' Mejju 1996 sat-28 ta' Jannar 2008

sottomissjonijiet tieghu huwa jistaqsi *"Possibbli Carmelina Debono qatt ma rat lill-appellant?"* Il-Qorti tosserva li l-argument li qed jipprova jaghmel il-konvenut f'din il-parti tal-aggravju huwa li x-xhud ma kinitx qed tghid il-verita` fix-xhieda taghha, izda l-Qorti tosserva li dan l-argument huwa insostenibbli, fl-ewwel lok, ghax, ghalkemm fl-affidavit tieghu l-konvenut jallega li hu johrog fis-6.30 pm, u ghalhekk qabel ma jkun fetah l-ufficcju tal-attur, huwa ma jaghti ebda spjegazzjoni ghaliex hu, persuna dizokkupata, johrog mid-dar regolarment f'dak il-hin bikri ta' filghodu, u kif lanqas ma jaghti spjegazzjoni ta' fejn ikun u x'ikun qed jaghmel sakemm jirritorna lura d-dar fis-1.30pm circa.

**38.** Illi in vista tal-konsiderazzjonijiet premessi din il-Qorti hija tal-fehema li f'dan il-kaz jezistu elementi ta' prova sufficjenti sabiex l-ewwel Qorti tasal ghad-decizjoni taghha li taccetta bhala veritiera l-verzjoni tal-attur, u tiskarta dik tal-konvenut.

Ghaldaqstant l-aggravju huwa nfondat.

**<u>Decide</u>**

Ghar-ragunijiet premessi tichad l-appell, u tikkonferma s-sentenza appellata, bl-ispejjez a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------